# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2022

## INDIRIZZ TAĊ-CHAIRMAN

Dr Gordon Cordina

Bank of Valletta

Għeżież Azzjonisti,

Huwa pjaċir tiegħi li nindirizzakom għat-tielet darba f'Laqgħa Ġenerali Annwali. Għal darb'oħra laqgħa li kellha ssir b'mod virtwali. Madankollu qed nistenna bil-ħerqa l-opportunità li niltaqa' personalment magħkom fil-laqgħa ta' informazzjoni li nedejna għall-15 ta' Ġunju. Il-perjodu mill-aħħar laqgħa 'l hawn kien mimli taqlib fis-sitwazzjoni internazzjonali, waqt li bdejna ħerġin mill-COVID sibna ruħna b'konflitt fl-Ewropa, b'impatti ekonomiċi li diġà qegħdin jaffetwaw il-prezzijiet fuq livell ġenerali, u li jistgħu anke jaffetwaw ir-ritmu ekonomiku globali. Fl-ekonomija nazzjonali, bdejna nirpiljaw fit-turiżmu u setturi relatati, u l-attività f'setturi oħrajn għaddejja b'ritmu tajjeb ukoll. Inħarsu 'l quddiem biex pajjiżna joħroġ mill-grey listing, u jilqa' għall-isfida tar-riforma fit-taxxa fuq il-kumpaniji bħala opportunità biex itejjeb il-kompetititività tiegħu f'diversi oqsma, l-iktar f'dawk b'valur miżjud għoli.

Bħala bank, kburin għall-mod kif indirizzajna l-pandemija. Tul l-aħħar sentejn, żammejna sodi mal-impenn tagħna sabiex nibqgħu noffru s-servizzi lill-klijenti waqt li nkomplu nsostnu l-attività ekonomika f'dawn iż-żminijiet partikolarment diffiċli.

Kif tennejt kemm-il darba, għan ewlieni tal-Board huwa li nwittu t-triq għal pagament ta' dividend stabbli. Semmejna li l-każ ta' litigazzjoni fl-Italja kien ostaklu qawwi li kien qiegħed ifixkilna minn dan il-għan. F'dan ir-rigward, il-Bank sostna bla waqfien il-pożizzjoni legali b'saħħita tiegħu, u wera ruħu dispost li jasal b'offerta tiegħu lejn konklużjoni fl-inqas żmien possibli. Huwa tajjeb li llum nistgħu nħarsu quddiem minn'pożizzjoni fejn dan l-ostaklu ġie mwarrab. Dan diġà issarraf f'titjib sostanzjali fil-prezz tal-ishma tal-Bank, lil mill-aħħar laqgħa generali 'l hawn tela' b'madwar 25%.

Is-somma tal-kumpens tirrappreżenta l-valutazzjoni tar-riskju tal-Bank tal-probabbiltà u l-impatt tar-riżultati taħt firxa wiesgħa ta' xenarji. Ta' min jinnota li f'uħud minn dawn ix-xenarji l-eżiti possibbli għall-BOV kienu materjalment agħar u ferm aktar ta' ħsara bħala spejjeż għall-Bank. Fid-dawl ta' dan, il-Board dehrlu li kien ikun iktar għaqli li tinkiseb indikazzjoni iktar ċara tal-aspetattivi tal-kredituri ta' Deiulemar, u jintlaħaq ftehim fejn iż-żewġ naħat setgħu jagħlqu l-kwistjoni b'kompromess aċċettabbli.

Ħtieġa oħra, forsi aktar importanti wkoll, hija li nerġgħu lura għal livelli ta' profittabilità aktar b'saħħithom u sostnuti, ħidma li diġà bdiet is-sena li għaddiet, imma li trid tkompli tiġi sostnuta bl-istrateġija ta' trasformazzjoni li l-Bank qiegħed iwettaq. Dan se jwassal għal servizzi ħafna aktar moderni lill-klijenti tal-Bank filwaqt li jtejjeb l-effettività ta' l-ispejjeż ta' kif inwasslu s-servizzi tagħna lill-klijenti.

Sadanittant, il-Bank kompla jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex jipproteġi lilu nnifsu u lis-soċjetà Maltija kontra l-kriminalità finanzjarja. Din hija tabilħaqq prijorità nazzjonali biex issostni l-attività tas-servizzi finanzjarji fl-ekonomija tagħna, fejn l-isforzi sostanzjali li saru u li għadhom għaddejjin huma mistennija li jiksbu riżultati importanti. Is-sanzjoni li l-Bank irċieva mir-regolatur is-sena li għaddiet kienet twissija importanti tal-bżonn li ninvestu f'dan il-qasam b'mod wiesgħa fil-Bank biex intejbu s-sistema ta' viġilanza tagħna. Tajjeb li nsostni li din is-sanzjoni ma kinitx kaġun ta' xi attivita' kriminali li l-Bank kien qiegħed jiffinanzja.

Filwaqt li nagħmlu ħilitna u nħarsu 'l quddiem lejn futur aħjar, qegħdin nimpenjaw ruħna mal-azzjonisti li nsarrfu r-riżultati tagħna f'dividend mal-ewwel opportunità possibbli. Se jkun ukoll ta' pjaċir tal-Bord u tat-team eżekuttiv li, wara ħafna żmien, niltaqgħu wiċċ'imb'wiċċ magħkom għal laqgħa ta' informazzjoni li ħejjejna għal gimagħtejn oħra.

## NGĦADDU ISSA GĦAL AĠĠORNAMENT DWAR L-EKONOMIJA

Fl-2021 l-ekonomija Maltija irkuprat mix-xokk ikkawżat mill-pandemija. F'termini reali, il-Prodott Gross Domestiku kiber b'mod qawwi [+9.4%], u b'hekk ikkumpensa għat-tnaqqis sinifikanti [-8.3%] irreġistrat fl-2020.[1] Żviluppi pożittivi f'ċertu setturi għamlu tajjeb ghal dawk fejn l-irkupru ma kienx sħiħ. Dan f'kuntest fejn id-dejn pubbliku żdied b'madwar €2.6 biljun meta mqabbel mal-aħħar tal-2019 (qabel il-pandemija). Sa tmiem l-2021, id-dejn pubbliku f'Malta għalhekk laħaq qrib it-€8.3 biljun, li jikkorrispondi għal 57.0% tal-Prodott Gross Domestiku [40.7% fl-2019].

Is-setturi relatati mal-gaming, is-servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u s-servizzi finanzjarji komplew jikbru anke matul il-pandemija. Mill-banda l-oħra, setturi oħra tan-negozju li huma aktar dipendenti minn dawk li semmejt qabel fuq self mill-banek, esperjenzaw rkupru parzjali. Dawn jinkludu dawk fil-qasam tat-turiżmu u l-akkomodazzjoni, li sofrew l-akbar xokk meta ġie ristrett l-ivjaġġar.

Fl-2021, attività fis-settur tal-akkomodazzjoni u tal-ikel tjiebet, iżda baqgħet madwar nofs dik reġistrata fl-2019, qabel il-pandemija. Il-produzzjoni tas-settur tat-trasport u l-ħażna, u l-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, ukoll baqgħet taħt il-livell tal-2019, peress li dawn is-setturi jiddependu fuq in-numru ta' turisti li jżuru l-pajjiż. Anke s-settur tas-servizzi amministrattivi baqa' taħt il-livell ta' qabel il-pandemija.

Fl-2021, is-self lil dawn l-erba' setturi flimkien kien jammonta kważi nofs (45.8%) [2020: 42.4%] tas-self li l-Bank għandu lejn il-klijenti tan-negozju. Għaldaqstant. il-Bank jibqa' jsegwi mill-qrib u jivvaluta kif it-tneħħija gradwali tal-assistenza mogħtija mill-Gvern waqt il-pandemija tista' tolqot lil min jissellef. Il-Bank of Valletta se jkompli jkollu rwol ċentrali fl-appoġġ tal-ekonomija ta' Malta fit-tranżizzjoni għal dinja ta' wara l-pandemija, anke b'kollaborazzjoni ma' operaturi finanzjarji oħra bħal Bank Malti għall-Iżvilupp (MDB).

[1] Sors: NSO News Release NR037/2022.

L-aħħar figuri tal-Gvern juru li t-tkabbir reali tal-Prodott Gross Domestiku f'Malta matul il-perjodu 2022 – 2025 huwa mbassar għal madwar 4% fis-sena. Din hija rata ta' tkabbir ekonomiku inqas mis-snin ta' qabel il-pandemija, imma xorta waħda b'saħħitha, li b'hekk għandha ssostni l-operat ta' min jissellef.

Il-gwerra fl-Ukrajna, u r-riperkussjonijiet ekonomiċi tagħha, hi daqqa oħra mhux mistennija li l-pajjiż irid jiffaċċja. Il-prezzijiet minn barra kienu diġà qed jogħlew qabel beda dan il-kunflitt, u l-gwerra kompliet iżżid l-inflazzjoni. L-inflazzjoni impurtata qed taffettwa kemm l-għoli tal-ħajja għall-familji kif ukoll l-ispiża tal-produzzjoni tan-negozji. Sal-lum, dan ix-xokk li ġej minn barra, kien inqas qawwi milli f'pajjiżi Ewropej oħra. Bħal waqt il-pandemija, il-Gvern Malti offra sussidji, sabiex f'dan il-każ, jittaffew l-impatti fuq il-kontijiet tal-elettriku u l-ispiża fuq fuel u l-ikel. Din hija soluzzjoni temporanja u mill-perspettiva tal-immaniġġjar tar-riskju jkun tajjeb li wieħed jippjana għall-eventwalità li ż-żidiet fil-prezzijiet internazzjonali jdumu.

Fid-dawl ta' sfidi oħra li qed jinbtu, bħal dawk relatati mal-obbligi ambjentali futuri ta' Malta u bidliet fil-qafas tat-taxxa internazzjonali, wasal iż-żmien li l-pajjiż jagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn il-metodi tal-operat u nevalwaw mill-ġdid il-mudelli tan-negozju, sabiex inkunu nistgħu niffaċċjaw kemm l-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri. Il-Bank of Valletta se jibqa' jaħdem sabiex ikun is-sinsla tal-ekonomija Maltija.

## INĦARSU ISSA LEJN L-ASPETT FINANZJARJU TAL-GRUPP BOV

Il-qligħ qabel it-taxxa għas-sena finanzjarja 2021 laħaq it-€80.7 miljun, riżultat b'saħħtu meta mqabbel mal-qligħ tas-sena 2020, li kien ta' €15.2 miljun. Dan wassal għall-qligħ fuq l-investiment kapitali ta' 7.3%, żieda sostanzjali fuq l-2020 b' 1.4%.

Dan ir-riżultat huwa meqjus bħala b'saħħtu għaliex is-sena 2021 kienet sena oħra ta' sfidi fuq livell nazzjonali u internazzjonali. Sena fejn il-pandemija kompliet tolqot ħażin il-kummerċ pero' l-bank baqa' dejjem iffukat u disponibbli lejn il-klijenti biex jgħelbu dan iż-żmien diffiċli.

Ir-riżultati pożittivi, filwaqt li jawguraw tajjeb għal futur meta mistenni aktar irkupru ekonomiku mill-pandemija għalkemm dan qed jittappan xi ftit minħabba l-kriżi tal-gwerra fl-Ukraina, huma wkoll milquta minn spejjeż aktar għoljin. Matul is-sena, il-Bank kompla bl-investiment tiegħu fl-istrateġija, b'mod speċjali, f'investiment fil-qasam diġitali u fil-kwalità tad-data u kif ukoll biex ikompli jsaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu fil-qasam tal-kontrolli u l- 'compliance'. Żieda fl-ispejjeż tal-operat kienet l-iktar fil-qasam tal-IT flimkien ma' spejjeż oħra li mhux mistennijja jirrepetu ruħhom, bħat-€2.6 miljun multa mposta mill-FIAU, €1.4 miljun f'rifużjonijiet lill-klijenti li tilfu flushom minħabba kampanja ta' card fraud u €4.8 miljuni f'kontribuzzjonijiet lid-Deposit Guarantee Scheme.

Id-dħul prinċipali tal-bank żdied fuq is-sena 2020 u f'ċerti oqsma qabeż il-livelli ta' qabel il-pandemija. Il-Bank jinsab iffukat ukoll fuq in-Non-performing loans. Dan l-isforz diġà rriżulta f'irkupru ta' djun pendenti u mistenni jibqa' iħalli l-frott fiż-żmien li ġej.

Matul l-ewwel tliet xhur tal-2022, il-qligħ imħabbar kien wieħed tajjeb ukoll. Kif tafu fl-aħħar ġimgħat il-bank irnexxielu jasal fi ftehim fuq il-każ tad-Deiulemar bir-riżultat lil-każ fil-Qrati Taljani issa ġie magħluq. Ċertament, il-ħlas ta' €182.2 miljun se jħalli impatt negattiv fuq il-qligħ tal-bank matul din is-sena, pero' minkejja dan, it-tmexxija tal-bank tinsab pożittiva u qed tħares 'il quddiem b'iktar kunfidenza u mingħajr inċertezzi f'dan ir-rigward. Dan ipoġġi lill-bank f'pożiizzjoni tajba biex jikkunsidra opportunitajiet ġodda li jissarrfu fi tkabbir u għalhekk f'iżjed qliegħ għall-investituri tal-Bank.

Minkejja l-isfidi li għeleb, il-Bank ikompli jgawdi minn kapital b'saħħtu u tant meħtieġ sabiex ikompli jiffaċċja sfidi ġodda.

It-twettiq b'suċċess tal-istrateġija tal-Bank se tkun fattur ewlieni għal dan. Id-diġitizzazzjoni tal-proċessi, l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-karta tal-bilanċ tagħna u t-titjib fl-esperjenza tal-klijent huma essenzjali biex niġġeneraw profittabilità fit-tul.

Minn perspettiva aktar immedjata, ix-xenarju persistenti ta' rati ta' imgħax baxxi qed ikunu ta' sfida għall-mudelli tan-negozju bankarju mad-dinja kollha, u l-vijabilità tas-servizzi bankarji b'hekk se tiddependi dejjem aktar fuq tariffi u mizati. Bħala l-akbar Bank f'Malta, aħna impenjati li nkunu l-mexxejja tal-industrija tagħna u nieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex nissalvagwardjaw il-vijabilità tal-industrija għall-benefiċċju reċiproku tal-klijenti, l-azzjonisti, l-impjegati tagħna u l-ekonomija lokali inġenerali.

B'hekk il-Bank mhux biss isostni l-qliegh tieghu, imma fuq kollox se jkun qed iressaq lill-klijenti tiegħu esperjenzi ta' servizz mtejjba u aktar effettivi.

## KELMTEJN DWAR ID-DIVIDEND

Fl-inċertezzi tal-aħħar ftit xhur, għas-sena finanzjarja 2021, il-Bord ma ħassx li kellu jirrakkomanda id-distribuzzjoni tad-dividendi finali għal din il-laqgħa. Hekk kif is-sitwazzjoni tistabilizza ruħha bil-każ Deiulemar li issa jinsab warajna, il-Bord se jkun qiegħed jaħdem b'iktar serenità lejn rakkomandazzjoni ta' dividend xieraq filwaqt li jsostni l-kapital li l-Bank għandu bżonn biex ikompli jikber.

## BIEX NAGĦLAQ

Nixtieq nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom lejn il-Bank. Is-sagrifiċċji tagħkom, flimkien mad-dedikazzjoni u x-xogħol iebes tal-impjegati tal-Bank, it-Tim Eżekuttiv u l-Bord, qed jiżguraw li l-Bank of Valletta wasal f'punt fil-mixja tiegħu 'l quddiem biex jittrasforma lilu nnifsu. Flimkien, se naslu sabiex il-Bank ikun lest għall-isfidi li se jsib quddiemu tul is-snin li ġejjin.

Ringrazzjament lil Kap Ezekuttiv għax-xogħol siewi li għamel fil-Bank. Taħt it-tmexxija tiegħu, il-Bank saħħaħ il-governanza f'ħafna oqsma, u konna kapaċi infendu f'wieħed mill-aktar żminijet diffiċli tal-pandemija. Ħlisna mill-piżijiet ta' kawżi ta' litigazzjoni li kienu ilhom ġejjin is-snin. Saħħaħna l-istrutturi tagħna, u ppreparajna l-Bank għall-isfidi u l-opportunitajiet tal-ġejjieni.

Dan se jkun l-aħħar indirizz tas-Sur Hunkin waqt il-laqgħa ġeneral annwali tagħna, hekk kif wasal iż-żmien li jirtira mix-xogħol tiegħu mal-Bank. Qabel ma nistiednu jagħmel l-indirizz tiegħu, nixtieq inwassal ir-ringrazzjament tiegħi u tal-Bord għall-hidma tiegħu.

Issa nintroduċi lil Kap Eżekuttiv tagħna, is-Sur Rick Hunkin, sabiex jagħmel l-indirizz tiegħu.

**Dr Gordon Cordina**
**Chairman**
**2 ta' Ġunju 2022**

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Bll-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizzi ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta